# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015.

Talba Numru: 343/2015AM

Numru fuq il-Lista: 17

**360 Food Imports Limited**
**Mdina Road,**
**Zebbug**

**vs**

**Clint Vella K.I. 250483(M)**
**Nru 111, Gafa Street, Mosta**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-07 ta' Mejju, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet l-hlas ta' mitejn u ewro u wiehed u sebghin Centezmu (€201.71c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestax l-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher ghas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-verbal tal-Avukat tas-Socjeta' attrici tas-seduta tal-12 ta' Novembru, 2015 li permezz tieghu nforma lil dan it-Tribunal li s-sorte thallas u jonqos biss decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez.

Għaldaqstant, peress li l-konvenut huwa kontumacja t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta' attrici l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**